**PARLAMENT TA' MALTA**

**Mistoqsijiet Parlamentari**

Parlament Leġiżlatura XV

Seduta Numru 14

It-Tlieta, 21 ta' Lulju, 2026 fl-4:00 p.m.

## MISTOQSIJIET GĦAL TWEĠIBIET ORALI

### LIĊENZJI ĠODDA

**203. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra lista tan-numru ta' liċenzji ġodda maħruġa għal:
(i) taxis tradizzjonali;
(ii) Y-plates;
(iii) chauffeur services; u
(iv) ride-hailing platforms?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jikkjarifika l-perjodu li għalih qed jirreferi u jispeċifika t-tip ta' liċenzja li qed jitlob l-informazzjoni dwarha.

Seduta Numru 14
21/07/2026

### TAXIS U Y-PLATES – PERMESSI – KRITERJI

**204. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu l-kriterji użati biex ġew approvati l-permessi ġodda għal-liċenzji tat-taxis tradizzjonali, tal-Y-plates, tax-chauffeur services, u tar-ride-hailing platforms? Jista' jgħid ukoll jekk dawn il-kriterji nbidlux matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-kriterji għall-ħruġ ta' liċenzji u permessi ġodda għas-servizzi msemmija huma stabbiliti f'qafas leġiżlattiv, jiġifieri fil-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.59 li tittratta r-Regolamenti dwar Servizz tat-Taxis u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 499.68 dwar ir-Regolamenti dwar Servizzi ta' Ġarr ta' Passiġġieri Żgħar u Servizzi ta' Kiri ta' Vetturi. Ninfurmah ukoll li ma kien hemm l-ebda emenda f'dawn il-leġizlazzjonijiet fix-xhur imsemmija.

Seduta Numru 14
21/07/2026

### TAXIS U Y-PLATES – PERMESSI

**205. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-permessi għat-taxis, Y-plates, chauffeur services, u ride-hailing platforms li nħarġu matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026 ingħataw lil:
(i) individwi Maltin;
(ii) ċittadini barranin;
(iii) kumpaniji reġistrati Malta; u
(iv) kumpaniji barranin?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liem permessi qed jirreferi f'din il-mistoqsija.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**TAXIS U Y-PLATES – PERMESSI**

**206. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni jew kumpaniji li għandhom aktar minn:
(i) ħames permessi,
(ii) għaxar permessi, jew
(iii) għoxrin permess,
relatat ma' taxis jew Y-plates?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liem permessi qed jirreferi f'din il-mistoqsija.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**TAXIS U Y-PLATES – IMPACT ASSESSMENT**

**207. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid jekk sarx impact assessment dwar iż-żieda fin-numru ta' taxis u Y-plates fuq:
(i) it-traffiku;
(ii) il-konġestjoni;
(iii) l-emissjonijiet; u
(iv) il-kompetizzjoni fis-settur?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-suq tal-Y plates, taxis, coaches etc. jiġi mmonitorjat b'mod konsistenti minn Transport Malta; fl-ewwel lok biex naraw li s-servizz li qed jingħata liċ-ċittadin ikun tal-ogħla kwalità. Fit-tieni lok, il-Gvern diġà ddikjara li dawn is-setturi huma kkunsidrati bħala mezz ta' mobbiltà alternattiva u għalhekk għandhom l-importanza tagħhom fl-ekosistema tal-mobbiltà ta' Malta.

Inoltre, il-mistoqsija għal dan is-servizz mill-pubbliku qiegħda dejjem tiżdied u dan ifisser li anke l-poplu qed jara lil dan is-settur bħala servizz. Dan kollu ttieħed inkonsiderazzjoni f'Malta in Motion u matul it-twettiq ta' dan il-pjan ser jara kif dan is-settur ser jiġi mtejjeb biex isir parti mis-sistema integrata ta' trasport għall-pubbliku ġewwa pajjiżna.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**TRANSPORT MALTA - ILMENTI**

**208. L-ONOR. ADRIAN DELIA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il ilment irċeviet Transport Malta matul Frar, Marzu, April u Mejju tal-2026 relatati ma':
(i) operat illegali;
(ii) abbuż ta' permessi;
(iii) subletting ta' liċenzji; u
(iv) nuqqas ta' konformità?

23/06/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jikkjarifika l-mistoqsija u jipprovdi informazzjoni aktar preċiża dwar dak li qed jintalab, biex l-Awtorità tat-Trasport tkun f'pożizzjoni li tipprovdi tweġiba.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**LISTA GĦALL-AKKOMODAZZJONI SOĊJALI**

**537. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni fuq il-lista għall-akkomodazzjoni soċjali?

30/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 146.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**PROPRJETAJIET BATTALA**

**538. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm hi l-istock ta' proprjetajiet li huma battala u huma f'idejn il-Gvern?

30/06/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, sad-data tal-lum, hemm total ta' 241 proprjetà battala li jinsabu f'idejn l-Awtorità tad-Djar. Minn dawn, hemm numru żgħir li huma lesti sabiex jiġu allokati. Fir-rigward tal-bqija, għaddejja analiżi meħtieġa, qed isiru xogħlijiet ta' tiswijiet strutturali fejn ikun meħtieġ, jew qed jitħejjew rapporti tekniċi sabiex ikunu jistgħu jingħataw il-grants meħtieġa għat-twettiq ta' xogħlijiet qabel jiġu allokati.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**UŻURA – PERSUNI AKKUŻATI**

**542. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm tressqu persuni akkużati bl-użura mill-2021 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma sena b'sena?

30/06/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi:

| **Sena** | **Numru t'akkużati li tressqu bl-akkuża ta' użura** | **Każ pendenti** | **Kawżi Deċiżi** |
|---|---|---|---|
| 2021 | 0 | 0 | 0 |
| 2022 | 4 | 1 | 3 |
| 2023 | 1 | 1 | 0 |
| 2024 | 0 | 0 | 0 |
| 2025 | 0 | 0 | 0 |
| 2026 | 1 | 1 | 0 |

Seduta Numru 14
21/07/2026

**SERVIZZI TAS-SAĦĦA MENTALI – PAZJENTI – SENA 2025**

**580. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm pazjenti li użaw is-servizzi tas-saħħa mentali fl-2025? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu nisa, rġiel jew ta' ġeneru ieħor?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tispeċifika għal liema servizzi tas-saħħa mentali qed tirreferi.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**GENDER CLINIC – PAZJENTI – SENA 2025**

**581. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm pazjenti li għamlu użu mill-Gender Clinic fl-2025?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fis-sena 2025, il-Gender Wellbeing Clinic kellha total ta' 104 referenzi ġodda, li jwasslu t-total ta' referenzi għal 611 minn mindu fetħet il-klinika f'Novembru 2018.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**VJOLENZA DOMESTIKA – KAŻIJIET**

**582. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm kien hemm każijiet ta' vjolenza domestika matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-informazzjoni mitluba tinsab fit-tabella hawn taħt:

| **Sena** | **Numru ta' kawżi li jinkludu kawżi sommarji u kumpilazzjonijiet** |
|---|---|
| 2021 | 110 |
| 2022 | 124 |
| 2023 | 184 |
| 2024 | 425 |
| 2025 | 541 |
| 2026 | 222 sat-13 ta' Lulju, 2026 |
| Total | 1606 |

Seduta Numru 14
21/07/2026

**VJOLENZA DOMESTIKA – TIPI TA' ABBUŻ**

**583. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm mill-każijiet ta' vjolenza domestika li kienu rrapurtati matul dawn l-aħħar ħames snin, kienu jinvolvu abbuż fiżiku, emozzjonali jew sesswali? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn kellhom iktar minn tip wieħed ta' abbuż?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi fil-preżent l-Aġenzija għas-Servizzi tal-Qrati ma żżommx din it-tip ta' statistika.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**VJOLENZA DOMESTIKA – ORDNIJIET TA' PROTEZZJONI**

**584. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħarġu ordnijiet ta' protezzjoni f'każijiet ta' vjolenza domestika matul dawn l-aħħar ħames snin? Jista' jgħid ukoll kemm hemm nisa li bħalissa qegħdin taħt ordni ta' protezzjoni?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**VJOLENZA DOMESTIKA – MAĠISTRATI**

**585. L-ONOR. GRAZIELLA ATTARD PREVI** staqsiet lill-Ministru għall-Ġustizzja, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm maġistrati li qed jisimgħu każijiet ta' vjolenza domestika bħalissa?

01/07/2026

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa hemm tliet Maġistrati li qed jisimgħu l-każijiet li jirrigwardaw il-vjolenza domestika.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**PERSUNI LI JGĦIXU TAĦT IR-RISKJU TAL-FAQAR**

**656. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm persuni li qed jgħixu taħt ir-riskju tal-faqar skont l-aħħar statistika?

01/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi l-mistoqsija parlamentari tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**FAQAR FOST IT-TFAL – MIŻURI ĠODDA**

**657. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid x'miżuri ġodda qed jittieħdu biex jitnaqqas il-faqar fost it-tfal?

01/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**GĦAJNUNA SOĊJALI**

**658. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il familja qed tibbenefika mill-Għajnuna Soċjali?

01/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ġentilment nitlob lill-Onor. Interpellant jispeċifika għal liema Għajnuna Soċjali qed jirreferi.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MINISTERU GĦAŻ-ŻGĦAŻAGĦ, IL-BENESSERI U L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-PROGRAMM ELETTORALI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**724. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu, u jekk iva, jelenkahom u jindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 704

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MINISTERU GĦALL-UGWALJANZA U D-DRITTIJIET ĊIVILI – SISTEMI TA' INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – KPIS**

**725. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Ugwaljanza u d-Drittijiet Ċivili: Tista' l-Ministru tgħid jekk ġewx stabbiliti indikaturi ta' prestazzjoni (KPIs) sabiex jitkejjel l-impatt tal-użu ta' sistemi ta' Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tagħha, u jekk iva, telenkahom u tindika kif qed jitkejlu?

01/07/2026

**ONOR. ROSIANNE CUTAJAR:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 704.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU – UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – LINJI GWIDA/POLITIKA ADOTTATA**

**726. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan l-Uffiċċju u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li l-azzjonijiet relatati mal-użu tal-IA diġa 'qed jiġu ggwidati minn oqfsa rilevanti ta' politika tal-governanza u tal-informatika fosthom l-istrateġija tal-Gvern dwar l-AI. Filwaqt li l-gvern qed ikompli jikkonsolida l-politika interna tiegħu dwar l-AI u qafas ta' gwida ġenerali. Din il-ħidma hija allinjata mal-Att tal-UE dwar l-AI, mal-qafas nazzjonali ta' governanza tal-AI, mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data u tas-sikurezza ċibernetika, u mal-qafas ta' politika tal-GMICT, inkluża l-Politika dwar l-użu tal-Għodod tal-IA ġenerattiva (GMICT P0123). Din tifforma wkoll parti minn approċċ koordinat li jinvolvi l-funzjoni tal-Uffiċjal ewlieni tal-AI, it-twaqqif tal-AI Governance Unit, it-twaqqif tal-Kunsill tal-Governanza tal-AI u ta' strutturi oħra bħall-MDIA u l-MITA biex jappoġġaw l-użu legali, responsabbli u trasparenti tal-AI.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MINISTERU GĦAS-SAĦĦA – UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – LINJI GWIDA/POLITIKA ADOTTATA**

**727. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 726.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MINISTERU GĦALL-AKKOMODAZZJONI U L-ARTIJIET – UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – LINJI GWIDA/POLITIKA ADOTTATA**

**728. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 726.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MINISTERU GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U L-FAMILJA – UŻU TAL-INTELLIĠENZA ARTIFIĊJALI – LINJI GWIDA/POLITIKA ADOTTATA**

**729. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill-Ministru għall-Politika Soċjali u l-Familja: Jista' l-Ministru jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra kwalunkwe linji gwida jew politika adottata dwar l-użu tal-Intelliġenza Artifiċjali fi ħdan il-Ministeru u l-entitajiet tiegħu?

01/07/2026

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba li ngħatat lill-mistoqsija parlamentari 726.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MARSALFORN – TNEĦĦIJA TA' SIĠAR**

**819. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew maqlugħa siġar mit-triq ta' Marsalforn fejn bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet?

02/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li tajt fil-mistoqsija parlamentari 823.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MARSALFORN – TNEĦĦIJA TA' SIĠAR**

**820. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid fejn ġew rilokati s-siġar li nqalgħu mit-triq ta' Marsalforn sakemm jitlestew ix-xogħlijiet fl-imsemmija triq?

02/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-siġar li nqalgħu ġew rilokati fid-Dawwara Nursery u fil-Gozo Experimental Farm.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MARSALFORN – TNEĦĦIJA TA' SIĠAR**

**821. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid f'liema stat ta' saħħa jinsabu bħalissa s-siġar li nqalgħu mit-triq ta' Marsalforn?

02/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li s-siġar, li huma maturi, qegħdin jissaqqew b'mod regolari sakemm jerġgħu jiksbu lura saħħithom peress li fl-istaġun tas-sajf dawn is-siġar ibatu bħal kwalunkwe siġra oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MARSALFORN – TNEĦĦIJA TA' SIĠAR**

**822. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli għall-kura tas-siġar li nqalgħu mit-triq ta' Marsalforn, inkluż it-tisqija?

02/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Ministeru għal Għawdex huwa responsabbli għall-kura, inkluż it-tisqija.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MARSALFORN – TNEĦĦIJA TA' SIĠAR**

**823. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jgħid kemm mis-siġar li nqalgħu mit-triq ta' Marsalforn mietu wara li ġew rilokati?

02/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li qabel inbeda l-proġett tat-Triq ta' Marsalforn saru diversi laqgħat u diskussjonijiet mal-ERA u ma' Din l-Art Ħelwa sabiex nassiguraw li jiġu salvagwardjati l-akbar ammont ta' siġar u arbuxelli possibbli. Għalkemm kien hemm numru ta' siġar li kienu koperti bil-permess tal-ERA biex jinqalgħu, wara qbil ma' Din l-Art Ħelwa, il-Ministeru ddeċieda li għalkemm ċertu tipi ta' siġar huwa diffiċli li jiġu rikolati, jingħata ċans ieħor lil dawn is-siġar u jiġu rilokati minkejja l-fatt li possibbilment dawn is-siġar ma jirkuprawx.
Filwaqt li dawn is-siġar qed jiġu assessjati minn arborista u għaddejja l-ħidma biex dawn is-siġar jiġu mgħejjuna ibex jaqbdu, fil-każ li dawn is-siġar ma jirkuprawx, hemm diġà ftehim ma' Din l-Art Ħelwa kif ukoll proposta maqbula, fejn kull siġra li possibbilment se tiġi affettwata, tiġi mibdula b'siġra oħra matura.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MARSALFORN – TNEĦĦIJA TA' SIĠAR**

**824. L-ONOR. FRANK ANTHONY TABONE** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jagħti r-raġunijiet għaliex xi wħud mis-siġar li nqalgħu mit-triq ta' Marsalforn mietu?

02/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba li tajt fil-mistoqsija parlamentari 823.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**KUNSILL NAZZJONALI GĦAT-TAĦRIĠ – APPLIKAZZJONIJIET**

**911. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Gvern Lokali u x-Xogħlijiet Pubbliċi: Tista' l-Ministru tgħid kemm-il persuna applikat għall-programm ta' taħriġ tal-Kunsill Nazzjonali għat-Taħriġ?

03/07/2026

**ONOR. ALISON ZERAFA CIVELLI:** Ninsab infurmata mill-Kunsill Nazzjonali għat-Taħriġ fil-Qasam tal-Gvern Lokali li sal-ġurnata li fiha qed tingħata t-tweġiba għal din il-mistoqsija parlamentari, ġew riċevuti 316 -il applikazzjoni għall-programm ta' taħriġ.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**BORMLA – PROĠETT TAL-HOUSING – XOGĦLIJIET**

**912. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid fiex waslu x-xogħlijiet fuq il-proġett tal-housing f'Bormla?

03/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi bħalissa għaddej xogħol ta' madum, kmamar tal-banju u kisi fuq l-appartamenti nfushom.
Għaddej ukoll xogħol fuq il-liftijiet u garaxxijiet u qegħdin isiru trinek li huma meħtieġa sabiex isir embellishment tal-pjazza.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**BORMLA – TRIQ SAN ĠWANN T'GĦUXA – ARBLI**

**913. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid min hu responsabbli mill-arbli ta' Triq San Ġwann t'Għuxa f'Bormla, hekk kif qed jostakolaw il-bankina fid-direzzjoni lejn Għajn Dwieli?

03/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MARSASKALA – BAJJA TA' SAN TUMAS – ART TAL-PARKEĠĠ**

**934. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Akkomodazzjoni u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid minn meta l-art tal-parkeġġ fil-Bajja ta' San Tumas ġewwa Marsaskala, ingħatat lis-sid il-ġdid?

06/07/2026

**ONOR. OWEN BONNICI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tindika bi pjanta għal liema żona qed tirreferi sabiex tingħata informazzjoni korretta.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MARSASKALA – BAJJA TA' SAN TUMAS – ART TAL-PARKEĠĠ**

**935. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid minn meta l-art tal-parkeġġ fil-Bajja ta' San Tumas ġewwa Marsaskala, ingħatat lis-sid il-ġdid?

06/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 934.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MARSASKALA – BAJJA TA' SAN TUMAS – ĦLAS MILL-GVERN**

**936. L-ONOR. BERNICE BONELLO** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm ħallas il-Gvern biex irranġa l-parkeġġ fil-Bajja ta' San Tumas ġewwa Marsaskala?

06/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 982.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**IL-MARSA – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**1029. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru fil-Marsa sal-aħħar ta' din is-sena? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant fil-Marsa ser isir xogħol infrastrutturali f'parti minn Triq l-Irħam u Triq Azzopardi li mistenni jkunu lest sa ftit xhur oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**GWARDAMANĠA – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**1030. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru f'Gwardamanġa sal-aħħar ta' din is-sena? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Gwardamanġa/Pieta' ser isir xogħol infrastrutturali fi Triq Blackley u parti minn Triq San Lawrenz. Ix-xogħol fi Triq P. Xuereb mistenni jkun lest fl-ewwel xhur tal-2027.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**BIRKIRKARA – XOGĦLIJIET FIT-TOROQ**

**1031. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jagħti lista ta' toroq li ser isiru f'Birkirkara sal-aħħar ta' din is-sena? Jista' jgħid ukoll meta ser jibdew dawn ix-xogħlijiet, kemm se jdum biex jitlesta kull proġett u x'tip ta' xogħol se jsir f'kull triq?

07/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Birkirkara ser isir xogħol ta' asfalt fuq il-wiċċ ta' Triq Mannarinu, li tagħmel parti minn Fleur De Lys, liema xogħol mistenni jkun lest fix-xhur li ġejjin.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**ANZJANI BIL-KUNDIZZJONI TAD-DIMENZJA**

**1087. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm hawn anzjani f'pajjiżna li ġew dijanjostikati bil-kundizzjoni tad-dimenzja? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-anzjani qed jirċievu servizzi speċjalizzati u x'tip ta' servizzi qed jingħataw?

08/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**KURA TAD-DIMENZJA – CARERS – TAĦRIĠ**

**1088. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm għandna carers f’pajjiżna li rċevew taħriġ speċjalizzat fil-kura tad-dimenzja? Jista’ jgħid ukoll fiex jikkonsisti dan it-taħriġ?

08/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**ANZJANI – IŻOLAMENT SOĊJALI – INIZJATTIVI**

**1089. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista’ d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x’inizjattivi qed jiġu ppjanati biex jitnaqqas l-iżolament soċjali fost l-anzjani?

08/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Anzjanità Attiva u Kura fil-Komunità (AAKK) qed taħdem fuq diversi proġetti li se jkomplu joffru diversi opportunitajiet u servizzi lill-anzjani, liema proġetti jitħabbru fiż-żmien li ġej.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**IN-NAXXAR – SPLUŻJONI TAL-KAMRA TAN-NAR – RAPPORTI TA’ ĦSARAT**

**1179. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 511 dwar ħsarat irrappurtati fl-għases tal-pulizija wara l-isplużjoni tal-Kamra tan-Nar fil-limiti tan-Naxxar, jista' l-Ministru jgħid kemm daħlu rapporti ta' ħsarat fuq bini, inkluż ħsarat fuq twieqi u bibien? Jista’ jgħid ukoll:

i. f'liema għases daħlu dawn ir-rapporti, u kemm-il rapport daħal f'kull għassa; u
ii. f'liema lokalitajiet saru dawn il-ħsarat u kemm-il ħsara ġiet irrappurtata f'kull lokalità?

10/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant tispeċifika aħjar għal liema ħsarat qed tirreferi

Seduta Numru 14
21/07/2026

**IL-WARDIJA – SKOLA DUN MANWEL ATTARD – STUDENTI ĠODDA**

**1180. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 508 rigward studenti ġodda fl-iskola Dun Manwel Attard fil-Wardija għas-sena skolastika 2026-2027, jista' l-Ministru jgħid kemm ser ikun hemm studenti fl-ewwel sena?

10/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li se jkun hemm 11-il student ġdid li se jidħlu l-iskola tal-Wardija fis-sena skolastika 2026-2027. Qed inpoġġi stqarrija numru 261026 maħruġa f'dan ir-rigward fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**STUDENTI U L-EDUKATURI - MIŻURI GĦAS-SĦANA**

**1202. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għaż-Żgħażagħ, il-Benesseri u l-Implimentazzjoni tal-Programm Elettorali: Jista' l-Ministru jgħid liema miżuri qed jittieħdu biex jiġu mħarsa l-istudenti u l-edukaturi mill-effetti tas-sħana eċċessiva matul ix-xhur tas-sajf, b'mod partikolari fl-iskejjel li għad m'għandhomx sistemi ta' arja kkundizzjonata?

13/07/2026

**ONOR. OMAR FARRUGIA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi din il-mistoqsija lill-Ministeru kkonċernat

Seduta Numru 14
21/07/2026

**BLUE BADGES – PARKEĠĠI RISERVATI**

**1240. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew approvati reserved blue badge parkings minn Ġunju 2025 sa Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar? Jista' jgħid ukoll kemm minnhom kienu reserved personalizzati u mhux communial?

13/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li minn Ġunju 2025 sa Ġunju 2026, kien hemm total ta' 696 parkeġġ riservat għall-Blue Badge Holders li minnhom 545 kienu parkeġġi riservati personalizzati. Dawn il-permessi ħarġu wara li l-applikanti kollha għaddew minn proċess ta' skrutinju minn bord mediku maħtur mill-Aġenzija Sapport.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**BLUE BADGES – PARKEĠĠI RISERVATI**

**1241. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm huwa n-numru ta' reserved blue badge parkings, komunali u personalizzati, li ġew approvati f'Marzu, April, Mejju u Ġunju 2026, maqsuma lokalità b'lokalità?

13/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1240.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**EPIPENS**

**1242. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid għaliex mhux qed jingħataw Epipens lill-adulti, kif kien imwiegħed qabel l-Elezzjoni Ġenerali tal-2026?

13/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-prodott Adrenaline Autoinjecter għall-użu mill-adulti, wara li ġie introdott fuq il-Formularju tal-Gvern, qed jiġi fornut regolarment mill-POYC fuq ordni tal-ispiżerija u l-intitolament rispettiv tal-pazjent.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**GU CLINIC – KAŻIJIET TA' MARD TRASMESS B'MOD SESSWALI – NEW CASES**

**1243. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm każijiet ta' mard trasmess b'mod sesswali li ġew dijanjożati bħala 'new case' fil-GU Clinic?

13/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li minn Jannar sa Ġunju 2026, l-unità nazzjonali tas-sorveljanza (IDCU) ġiet notifikata b'557 każ ta' infezzjonijiet trasmessi sesswalment mill-klinika GU.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MEDIĊINI RELATATI MAS-SAĦĦA MENTALI**

**1244. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien hemm persuni li ngħataw mediċini relatati mas-saħħa mentali f'Ġunju 2025, f'Jannar 2026 u f'Ġunju 2026?

13/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jispeċifika għal liema mediċini qiegħed jirreferi.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**BDIEWA U RAĦĦALA**

**1259. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jagħti stampa demografika tal-bdiewa u raħħala full-time u part-time, inkluż l-età, il-lokalità u l-livell ta' edukazzjoni? Jista' jgħid ukoll x'qed isir biex dan is-settur jattira lejh aktar żgħażagħ?

13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**BDIEWA U RAĦĦALA ŻGĦAŻAGĦ – SKEMI U GĦOTJIET**

**1260. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jagħti lista tal-għotjiet u skemi kollha li l-bdiewa u r-raħħala żgħażagħ jistgħu jibbenefikaw minnhom?

13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed tinġabar.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**KONSERVAZZJONI TAL-ILMA – INVESTIMENT**

**1261. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'kien l-investiment li sar fil-qasam tal-konservazzjoni tal-ilma matul dawn l-aħħar ħames snin, maqsuma sena b'sena?

13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabelli segwenti li juru l-investiment li sar fil-qasam tal-konservazzjoni tal-ilma matul dawn l-aħħar ħames snin.

Iċ-ċifri li jidhru hawn taħt jirrappreżentaw l-investiment eliġibbli relatat ma' infrastruttura ta' ħażna u konservazzjoni tal-ilma identifikata permezz tal-line items marbuta ma' riżervwarji ffinanzjat minn fondi Ewropej taħt il-Pjan għall-Iżvilupp Rurali u l-Pjan Strateġiku għall-Politika Agrikola Komuni.

**RDP**

| | **Imħallas sal-lum** | |
|---|---|---|
| **Data tal-Bidu tal-Kuntratt** | **Eliġibbli** | **50% (grant)** |
| **2022** | € 55,084.75 | € 27,542.38 |
| **2023** | € 2,828,461.91 | € 1,414,230.96 |

**PAK**

| | **Imħallas sal-lum** | |
|---|---|---|
| **Data tal-Bidu tal-Kuntratt** | **Eliġibbli** | **50% (grant)** |
| **2024** | € 426,337.38 | € 213,168.69 |
| **2025** | € 150,608.77 | € 75,304.39 |
| **2026** | € - | € - |

Seduta Numru 14
21/07/2026

**INFRASTRUTTURA TAT-TISQIJA – PASSI MEĦUDA**

**1262. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'passi ttieħdu biex tittejjeb l-infrastruttura tat-tisqija, b'mod partikolari l-infrastruttura biex jintuża n-new water, matul dawn l-aħħar ħames snin?

13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Nitlob lill-Onor. Interpellant sabiex jirreferi din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**BDIEWA/RAĦĦALA – GĦAJNUNA MILL-GVERN**

**1263. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid kif il-Gvern qed jgħin lill-bdiewa u r-raħħala biex jaddattaw għal perjodi ta' nixfa li qed isiru dejjem aktar frekwenti?

13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li dan il-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli joffri diversi servizzi li permezz tagħhom jagħti appoġġ lill-bdiewa u r-raħħala ħalli jkunu jistgħu jaddattaw għal perjodi ta' nixfa.

Permezz tas-servizzi offruti mill-AgriConnect u l-AgriKonsulta, tingħata gwida teknika mfassla skont il-ħtiġijiet tal-bdiewa sabiex itejbu l-użu tal-ilma, isaħħu l-ħamrija u l-immaniġġjar tagħha, jottimizzaw l-użu tal-fertilizzant u jtejbu l-ippjanar tal-produzzjoni agrikola. Dawn l-inizjattivi jikkontribwixxu biex tiżdied ir-reżiljenza, is-sostenibbiltà u l-kompetittività tas-servizz agrikolu Malti fir-rigward tat-tibdil tal-klima.

Apparti minn dan, waħda mill-prijoritajiet ewlenin tal-proposti l-ġodda tal-Politika Nazzjonali għall-Agrikoltura għall-perjodu 2027-2037 hija 'Ir-Reżiljenza relatata mal-Ilma, l-Enerġija, il-Klima u l-Ambjent'. Il-proposta għandha l-għan li tippromwovi l-użu effiċjenti tal-ilma u l-enerġija, il-prattiki intelliġenti fil-klima, il-metodi ta' tkabbir ekoloġiċi, it-telf tal-ikel u t-tnaqqis tal-iskart, l-użu mill-ġdid tal-prodotti sekondarji, u l-ġestjoni ambjentali integrata, l-allinjament tal-attivitajiet agrikoli mal-objettivi nazzjonali tal-adattament għall-klima u s-sostenibbiltà.

L-Awtorità ta' Ġestjoni, flimkien mal-Aġenzija għall-Pagamenti Agrikoli u Rurali (ARPA), permezz tal-iskemi li toħroġ, tagħti ċ-ċans lill-benefiċjarji jagħmlu investimenti fl-azjenda tagħhom li jgħinu fil-ħażna tal-ilma. Bħalissa, infatti, hemm sejħa għall-applikazzjonijiet għall-*On-Farm Productive Investments,* intervent taħt il-Pjan Strateġiku tal-Politika Agrikola Komuni. Dan l-intervent għandu l-għan li l-bdiewa jingħataw għajnuna finanzjarja biex, fost proġetti oħrajn, jibnu infrastruttura għall-ħażna tal-ilma fl-għelieqi tagħhom.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**BDIEWA, RAĦĦALA U SAJJIEDA – ĦSARAT – GĦAJNUNA**

**1264. L-ONOR. TONI BEZZINA** staqsa lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel: Jista' l-Ministru jgħid x'għajnuna ngħatat lill-bdiewa, raħħala u sajjieda għal ħsarat ikkawżati minn maltempati jew nixfa matul dawn l-aħħar 15-il sena, maqsuma sena b'sena?

13/07/2026

**ONOR. ANTON REFALO:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tabella segwenti bl-informazzjoni dwar għajnuna li ngħatat lill-bdiewa u sajjieda għal ħsarat ikkawżati minn maltempati mis-sena 2020 meta kien twaqqaf il-Ministeru li tiegħu jiena responsabbli.

| **Bdiewa/Raħħala/Sajjieda** | **Sena 2020** | **Sena 2021** | **Sena 2022** | **Sena 2023** | **Sena 2024** | **Sena 2025** | **Sena 2026** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Għajnuna Maltempati (bdiewa – Maltempata 2019 – Ħsarat fl-għelejjel u strutturali) | €352,741.49 | €1,217,763.85 | / | / | / | / | / |
| Għajnuna Nixfa | / | / | / | / | / | / | / |
| Skema ta' Kumpens biex tipprovdi għajnuna lis-sidien ta' vapuri rreġistrati fil-MFA / MFB li sofrew ħsarat mill-maltempata tal-2019 | €287,817.76 | / | / | / | / | / | / |

Seduta Numru 14
21/07/2026

**IL-MAGĦTAB – FAĊILITÀ TAL-WASTESERV – ĦSARAT**

**1271. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid xi ħsarat kien hemm/għad hemm fil-faċilità tal-Wasteserv fil-Magħtab, li skont l-operaturi tal-ġbir tal-iskart qed jitilfu ħafna ħin minħabba dawn il-ħsarat? Tista' tgħid ukoll jekk il-ħsarat li kien hemm ġewx imsewwija?

13/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li WasteServ wettqet xogħlijiet ta' manutenzjoni fuq il-weighbridge ta' Malta North bejn it-30 ta' Ġunju u l-5 ta' Lulju 2026. Sabiex jitnaqqas kull inkonvenjent u jiġi faċilitat il-fluss tal-vetturi, matul il-perjodu tax-xogħlijiet il-weighbridge operators taw assistenza addizzjonali lis-sewwieqa. Mis-6 ta' Lulju 2026, il-weighbridge reġa' beda jopera b'mod normali u kompletament awtomatizzat.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**POLICE COMMUNITY PARTNERSHIP AWARD**

**1272. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jagħti tagħrif dwar fiex jikkonsisti l-'Police Community Partnership Award'? Jista' jgħid ukoll:
i. meta twaqqaf dan l-award;
ii. min ħa dan l-award; u
iii. min jista' jiġi nominat u kif?

13/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Premju għas-Sħubija bejn il-Pulizija u l-Komunità (*Police/Community Partnership Award*) huwa waħda mill-kategoriji tal-unuri annwali tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Dan il-premju jingħata lil individwi, kunsilli lokali jew organizzazzjonijiet li jkunu wrew dedikazzjoni, kollaborazzjoni u appoġġ eċċezzjonali lejn il-Korp tal-Pulizija, b'mod partikolari fit-tisħiħ tal-inizjattivi tal-Pulizija fil-Komunità.
Ninsab infurmat li dan il-premju twaqqaf fl-2024 u sal-lum ingħata lil dawn li ġejjin:
**2024**
• 1 post: FSWS (DAC/ACTS)
• 2 post: George Farrugia – membru tal-pubbliku li ta appoġġ sinifikanti lill-Pulizija fil-Komunità.
**2025**
• Maria Regina College Network (NSSS)
**2026**
• 1 post: John Boxall – Sindku tal-Birgu
• 2 post: Luke Farrugia – Sindku tal-Marsa
• 3 post: Local Councils Association
Ninsab infurmat ukoll, li għal dan il-premju jistgħu jiġu nnominati individwi, organizzazzjonijiet jew uffiċjali tal-Pulizija li jkunu spikkaw għax-xogħol u l-kontribut eċċezzjonali tagħhom favur il-komunità u l-Korp tal-Pulizija. In-nominazzjonijiet jistgħu jsiru mill-Pulizija fil-Komunità, mid-distretti tal-Pulizija lokali, kif ukoll minn membri tal-pubbliku, billi dawn jinfurmaw lill-amministrazzjoni tal-Korp permezz tal-mezzi uffiċjali jew lill-Pulizija fil-Komunità tal-lokalità tagħhom sabiex in-nomina tiġi rreġistrata. Kull sottomissjoni tiġi riveduta minn Bord tal-Għażla li jara li l-kriterji stabbiliti għal kull kategorija jintlaħqu, qabel ma jiġu ffinalizzati r-rebbieħa.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**AWTORITÀ TAX-XANDIR – AKKUŻI – NUQQAS TA' BILANĊ/PARZJALITÀ**

**1435. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 947 u jgħid kemm-il darba l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir ħarġet akkużi skont il-liġi kontra x-xandara fejn l-akkuża kienet dwar nuqqas ta' bilanċ jew parzjalità fis-snin 2023, 2024 u 2025, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li n-numru totali ta' akkużi maħruġa dwar nuqqas ta' bilanċ jew parzjalità huwa kif ġej:

SENA Deċiżjoni
2023 Akkuża waħda imma l-istazzjon involut ma nstabx ħati
2024 5 akkużi
2025 Ma nħarġux akkużi

Seduta Numru 14
21/07/2026

**AWTORITÀ TAX-XANDIR – AKKUŻI**

**1436. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 948 u jgħid kemm-il darba l-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir ħarġet akkużi skont il-liġi kontra x-xandara fejn l-akkuża kienet dwar xi ħaġa oħra għajr nuqqas ta' bilanċ jew parzjalità fis-snin 2023, 2024 u 2025, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll x'kien is-suġġett ta' dawn l-akkużi?

14/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat li n-numru totali ta' akkużi li daħlu fil-konfront tal-istazzjonijiet lokali tar-radju u t-televiżjoni u li għalihom nstabu ħatja huwa kif ninsab infurmat kif ġej :

Sena Akkużi
2023 14
2024 15
2025 8

Seduta Numru 14
21/07/2026

**AWTORITÀ TAX-XANDIR – ILMENTI**

**1437. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 949 u jgħid kemm kien hemm ilmenti kontra x-xandara li nstemgħu mill-Awtorità tax-Xandir fis-snin 2023, 2024 u 2025, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn l-ilmenti kienu minħabba allegat nuqqas ta' bilanċ jew parzjalità?

14/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** In-numri totali ta' ilmenti li daħlu fil-konfront tal-istazzjonijiet lokali ta' radju u t-televiżjoni huwa kif ninsab infurmat kif ġej:

Sena Ilmenti
2023 45
2024 33
2025 12

Seduta Numru 14
21/07/2026

**QASAM TAS-SAĦĦA – INGAĠĠI MAS-SETTUR PUBBLIKU**

**1450. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1142 u jgħid kemm-il persuna ġiet ingaġġata mas-settur pubbliku fil-qasam tas-saħħa bejn Jannar u Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** L-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**BCA – LIĠI SUSSIDJARJA 623.06 – KONTRAVENZJONIJIET**

**1451. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1000 u ċjoè: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 573, jista' l-Ministru jgħid il-kontravenzjonijiet imsemmija għal kemm jammontaw bħala flus, maqsuma separatament? Jista' jgħid ukoll kemm minn dawn il-flus tħallsu?

14/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant, li b'kollox dawn il-kontravenzjonijiet jammontaw għat-total ta' €808,400, u li minnhom tħallsu €642,000, kif ġej:
Sena 2022: Inħarġu b'kollox €62,350 u li minnhom tħallsu €30,500
Sena 2023: Inħarġu b'kollox €190,600 u li minnhom tħallsu €170,150
Sena 2024: Inħarġu b'kollox €273,950 u li minnhom tħallsu €244,950
Sena 2025: Inħarġu b'kollox €192,750 u li minnhom tħallsu €145,000
Sena 2026: Inħarġu sa' issa €88,750 u li minnhom tħallsu €51,400

Seduta Numru 14
21/07/2026

**OPERAZZJONIJIET TA' TOTAL KNEE REPLACEMENT – LISTA TA' STENNIJA**

**1463. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm-il pazjent hemm fuq il-lista ta' stennija għal total knee replacement taħt kull wieħed mill-konsulenti ortopediċi fis-servizz pubbliku, skont l-aktar data reċenti disponibbli?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li sal-1 ta' Lulju 2026 fl-isptarijiet ta' Malta u Għawdex kien hemm 504 pazjenti li ilhom jistennew aktar minn dak stipulat fiċ-Charter tal-Pazjenti.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**PULIZIJA TAL-KOMUNITÀ – SERVIZZ TA' MATUL IL-LEJL**

**1464. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid f'liema lokalitajiet is-servizz mogħti mill-Pulizija tal-Komunità qed jiżdied għal matul il-lejl? Jista' jgħid ukoll meta hu mistenni li dan is-servizz jiżdied f'lokalitajiet oħra, u b'kemm, għal kull lokalità?

14/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li fil-preżent il-Pulizija tal-Komunità qed taħdem billejl fil-lokalità tas-Swieqi, b'dan beda jsir minn Ġunju li għadda.
Fil-lokalitajiet oħrajn fosthom fil-kostitwenza tal-Onor. Interpellant qed isiru patrols tal-pulizija minn taqsimiet oħra sa tard billejl inkluż l-RIU li tkopri 24/7.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**ON THE SPOT FINES**

**1465. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu r-riżultati miksuba mill-on the spot fines s'issa? Jista' jgħid ukoll kemm persuni kienu mwaqqfa, imma mbagħad ma ġewx imwaħħla dawn il-multi?

14/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li r-riżultati kienu tajbin minkejja li bħala Ministru dejjem nara li jkun hemm lok għal titjib. Il-persuni mwaqqfa għal xi kontravenzjoni kollha jingħataw multa.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**IS-SERVIZZ U S-SETTUR PUBBLIKU – ĦADDIEMA LI JAĦDMU B'MOD REMOT – KUNDIZZJONIJIET/KRITERJI**

**1478. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsijiet parlamentari 490 u 996 u jgħid liema sezzjonijiet, dipartimenti, direttorati, aġenziji jew entitajiet fis-Servizz Pubbliku u fis-Settur Pubbliku għandhom ħaddiema li jaħdmu b'mod remot, kemm hemm ħaddiema f'kull waħda minnhom, u x'inhuma l-kundizzjonijiet jew kriterji applikabbli biex ħaddiem ikun jista' jaħdem b'mod remot?

14/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** It-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**ENEMALTA – AUDITED ACCOUNTS – PUBBLIKAZZJONI**

**1505. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid meta ser jiġu ppubblikati l-audited accounts tal-Enemalta u dan peress li ilhom mill-2022 ma jiġu ppubblikati?

14/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninsab infurmata li l-audited accounts tas-snin 2023 u 2024 waslu fi stadju finali u għandhom jiġu pubblikati fil-ġimgħat li ġejjin. Infurmata wkoll li l-audited accounts tal-2025 għandhom jiġu pubblikati lejn l-aħħar ta' din is-sena.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**GENERATORS TEMPORANJI**

**1506. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm swew il-generators temporanji li qed jitqabbdu f'partijiet differenti tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku, kemm biex jinkrew u kemm biex joperaw, matul l-2025 u matul l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid ukoll għal kemm-il siegħa intużaw b'kollox kemm fl-2025 u kemm fl-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

14/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**DELIMARA – IMPJANT TA' ĠENERAZZJONI TA' EMERĠENZA**

**1507. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm sewa l-impjant ta' ġenerazzjoni ta' emerġenza f'Delimara, kemm biex jinkera u kemm biex jopera, matul l-2025 u matul l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' tgħid ukoll għal kemm-il siegħa intuża b'kollox kemm fl-2025 u kemm fl-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari?

14/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tweġiba tingħata f'seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**ENEMALTA - TISĦIĦ TAN-NETWORK TAD-DISTRIBUZZJONI TAL-ELETTRIKU**

**1508. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: Tista' l-Ministru tgħid kemm sewa lill-Enemalta t-tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku fl-2024, fl-2025 u fl-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Tista' wkoll taqsam dawn il-figuri bejn l-ispiża għax-xiri ta' cables flimkien mal-kwantità ta' tul ta' cables, l-ispiża għat-tqegħid u l-installazzjoni, u l-ispiża biex jinfetħu t-toroq u jerġgħu jiġu asfaltati?

14/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, bejn l-2023 sal-aħħar tal-2025, l-Enemalta għamlet investiment ta' €140 miljun fit-tisħiħ tan-network tad-distribuzzjoni tal-elettriku.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**KAROZZI SECOND HAND U KAROZZI ĠODDA IMPURTATI – SNIN 2013 SA 2025**

**1509. L-ONOR. MARK ANTHONY SAMMUT** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew impurtati u reġistrati karozzi second hand mill-2013 sal-2025, maqsuma sena b'sena? Jista' jgħid ukoll kemm ġew impurtati karozzi ġodda fl-istess perjodu u ċjoè; mill-2013 sal-2025, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**TOTAL FERTILITY RATE**

**1511. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kienet ir-rata totali tal-fertilità (Total Fertility Rate), jiġifieri l-medja tan-numru ta' tfal li mara mistennija jkollha matul il-ħajja riproduttiva tagħha abbażi tar-rati ta' fertilità skont l-età f'dik is-sena, mis-sena 2000 sal-aħħar sena li għaliha hija disponibbli d-data, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**LIVE BIRTHS**

**1512. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm kien in-numru ta' twelid ħaj (live births) irreġistrat f'Malta mis-sena 2000 sal-aħħar ħin li għaliha hija disponibbli d-data, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**LIVE BIRTHS**

**1513. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid kemm min-numru ta' twelid ħaj (live births), it-twelid kien jirrigwarda l-ewwel tarbija, it-tieni tarbija, it-tielet tarbija u r-raba' tarbija jew aktar, mis-sena 2000 sal-aħħar sena li għaliha hija disponibbli d-data, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**OMMIJIET LI WELLDU L-EWWEL TARBIJA – ETÀ MEDJA**

**1514. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid x'kienet l-età medja tal-omm meta welldet l-ewwel tarbija tagħha mis-sena 2000 sal-aħħar sena li għaliha hija disponibbli d-data, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**NUMRU TA' TWELID**

**1515. L-ONOR. ROMILDA ZARB** staqsiet lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra tabella li turi n-numru ta' twelid skont l-età tal-omm, maqsuma fil-kategoriji ta' taħt l-20 sena, 20–24 sena, 25–29 sena, 30–34 sena, 35–39 sena, 40–44 sena u 45 sena jew aktar, mis-sena 2000 sal-aħħar ħin li għaliha hija disponibbli d-data, maqsuma sena b'sena?

14/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA**

**1522. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk l-awtoritajiet Maltin għandhomx rekord li l-humanoid robot magħruf bħala "Sophia" daħal f'Malta jew ġie ppreżentat għal kontroll ta' fruntiera f'Malta? Jekk iva, jista' jgħid f'liema data daħal, taħt liema kategorija ġie rreġistrat, u jekk ġiex ippreżentat xi dokument ta' identifikazzjoni jew vjaġġar?

15/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA - PASSAPORT/DOKUMENTI**

**1523. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk mad-dħul f'Malta tal-humanoid robot magħruf bħala "Sophia" ġiex ippreżentat lill-awtoritajiet Maltin xi passaport, visa, permess jew dokument ieħor ta' vjaġġar jew identifikazzjoni? Jekk iva, jista' jgħid x'tip ta' dokument kien, minn liema Stat jew awtorità kien maħruġ, u jekk dan ġiex aċċettat jew irreġistrat mill-awtoritajiet Maltin?

15/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA - PROĊEDURA AMMINISTRATTIVA APPLIKATA**

**1524. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid liema proċedura amministrattiva ġiet applikata mill-awtoritajiet Maltin fil-każ tad-dħul f'Malta tal-humanoid robot magħruf bħala "Sophia", inkluż jekk dan ġiex trattat bħala persuna, oġġett, tagħmir, jew taħt xi kategorija oħra għall-finijiet ta' kontrolli ta' fruntiera, sigurtà jew immigrazzjoni?

15/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA - POLICY/GUIDELINES EŻISTENTI**

**1525. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk Identità, il-Pulizija tal-Immigrazzjoni jew xi awtorità oħra għandhomx policy, linji gwida jew struzzjonijiet dwar kif għandhom jiġu trattati każijiet fejn humanoid robot, sistema ta' intelliġenza artifiċjali jew entità mhux umana tiġi ppreżentata ma' dokument ta' identifikazzjoni jew vjaġġar? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja tagħhom fuq il-Mejda tal-Kamra?

15/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**HUMANOID ROBOT - DĦUL F'MALTA - PARIR LEGALI**

**1526. L-ONOR. IVAN CASTILLO** staqsa lill-Ministru għall-Infrastruttura, l-Ippjanar u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid jekk intalabx jew inkisibx parir legali minn Identità, mill-Pulizija tal-Immigrazzjoni, mill-Avukat tal-Istat jew minn xi awtorità oħra dwar kif għandu jiġi trattat il-każ tad-dħul f'Malta tal-humanoid robot magħruf bħala "Sophia"? Jekk iva, jista' jgħid meta ntalab dan il-parir u minn min?

15/07/2026

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Tlabt biex tinġabar l-informazzjoni.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**PORT TAL-IMĠARR – MULTI MARBUTA MA' VELOĊITÀ EĊĊESSIVA**

**1615. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Mobbiltà Sostenibbli: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1034, jista' l-Ministru jgħid kemm-il multa nħarġet wara solverjar u infurzar fil-Port tal-Imġarr, bis-sistemi msemmija fl-istess tweġiba, minn Jannar 2013 sa Ġunju 2026, maqsuma xahar b'xahar?

15/07/2026

**ONOR. CHRIS BONETT:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi din it-tweġiba ser tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**GĦAWDEX - DWEJRA - ŻONA TAL-INLAND SEA**

**1616. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1035 li oriġinarjament saret lill-Ministru għat-Turiżmu u jgħid x'titjib huwa ppjanat li jsir fid-Dwejra f'Għawdex, b'mod partikolari fiż-żona tal-Inland Sea, fid-dawl tal-fatt li fis-Seduta tat-Tnejn 6 ta' Lulju, 2026 intqal li d-diving se jkun wieħed min-niċeċ għat-turiżmu ta' kwalità? Jista' jgħid ukoll jekk huwiex ippjanat titjib fit-triq dilapidata li mill-pjazza twassal għall-Inland Sea, sabiex din iż-żona tkun aktar aċċessibbli u attraenti għall-għaddasa?

15/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, bejn Frar u Marzu 2026, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi (ERA) wettqet konsultazzjoni pubblika dwar id-'Dwejra Protection and Management Regulations, 2026'.

Kull intervent propost f'din iż-żona għandu jkun konformi mal-qafas regolatorju applikabbli u jrid isir b'konsultazzjoni mal-entitajiet kompetenti, fid-dawl tal-importanza ambjentali u ekoloġika tas-sit.

Proposti għal titjib fiż-żona tad-Dwejra, inkluż fit-triq li mill-pjazza twassal għall-Inland Sea, għandhom jiġu kkunsidrati fil-qafas tad-Dwejra Management Committee u f'konsultazzjoni mal-entitajiet kompetenti. Kull intervent ikun suġġett għall-istudji tekniċi, għall-permessi regolatorji u għall-allokazzjoni tal-fondi meħtieġa.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**FONDI EWROPEJ - ENERĠIJA RINNOVABBLI - PROĠETTI**

**1617. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għall-Enerġija, l-Ambjent u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir: B'referenza għat-tweġiba tal-mistoqsija parlamentari 1036, tista' l-Ministru tgħid jekk hemmx pjanijiet għal proġetti ta' enerġija rinnovabbli ffinanzjati minn fondi Ewropej? Jekk iva, tista' tgħid liema huma u fejn se jsiru?

15/07/2026

**ONOR. MIRIAM DALLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li, fil-preżent, il-proġett relatat mal-enerġija rinnovabbli li huwa ffinanzjat minn fondi Ewropej huwa l-Impjant għall-Ipproċessar tal-Iskart Organiku (Organic Processing Plant – OPP), li qed jiġi żviluppat fil-Kumpless ECOHIVE fil-Magħtab. L-impjant huwa maħsub biex jipproċessa skart organiku miġbur separatament minn djar u stabbilimenti kummerċjali madwar Malta u Għawdex, filwaqt li jikkontribwixxi għall-ġenerazzjoni ta' enerġija minn sorsi rinnovabbli permezz tal-produzzjoni tal-bijogass.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**DIPARTIMENT TAX-XOGĦLIJIET PUBBLIĊI - KUNSILLI LOKALI - XOGĦLIJIET**

**1618. L-ONOR. BEPPE GALEA** staqsa lill-Ministru għal Għawdex: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1106 u jgħid kemm hemm xogħlijiet li ntalbu mill-kunsilli lokali minn Ġunju 2024 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari, maqsuma lokalità b'lokalità, u kemm ilhom li ntalbu, inkluż dawk li nbdew u dawk li għadhom ma tlestewx?

15/07/2026

**ONOR. CLINT CAMILLERI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li x-xogħlijiet li ntalbu mill-Kunsilli Lokali f'Għawdex minn Ġunju 2024 jammontaw għal 1,762. Minn dawn it-talbiet, 1,164 tlestew, filwaqt li 28 talba jinsabu f'fażi ta' implimentazzjoni.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**SERVIZZ TAL-EID – ĦSARAT**

**1619. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Prim Ministru: Fid-dawl tal-ħsara fis-servizz tal-e-ID li seħħet fl-14 ta' Lulju 2026 u li affettwat l-aċċess għal diversi servizzi elettroniċi tal-Gvern, fosthom is-sit tal-MATSEC, myHealth u s-servizzi elettroniċi tal-Awtorità tal-Ippjanar, jista' l-Prim Ministru jgħid:

i. x'kienet il-kawża teknika preċiża ta' din il-ħsara;

ii. f'liema ħin bdiet il-ħsara u f'liema ħin is-servizzi kollha ġew kompletament għan-normal;

iii. liema siti, sistemi u servizzi pubbliċi ġew affettwati u kemm kien hemm individwi li ma setgħux jaċċessawhom;

iv. jekk id-data jew is-sigurtà tal-kontijiet ta' individwi ġewx affettwati jew esposti b'xi mod;

v. jekk kienx hemm sistemi ta' riżerva, kontinwità operattiva jew disaster recovery fis-seħħ, u jekk iva, għaliex dawn ma ppermettewx li s-servizz jibqa' disponibbli;

vi. jekk il-Gvern jew il-MITA kinux konxji minn xi problemi jew riskji fis-sistema qabel ma seħħet il-ħsara;

vii. x'miżuri ttieħdu jew se jittieħdu sabiex ħsara simili ma terġax isseħħ;

viii. jekk hux se ssir investigazzjoni interna jew indipendenti dwar dan l-inċident u jekk ir-riżultat tagħha hux se jiġi ppubblikat; u

ix. kemm huwa stmat li kienet l-ispiża ekonomika u amministrattiva ta' din il-ħsara?

15/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninsab infurmat kif ġej:

i- L-inċident kien ikkawżat minn żieda eċċezzjonali u simultanja fil-mistoqsija għas-servizz e-ID, li wasslet għal degradazzjoni temporanja tal-prestazzjoni tas-servizz u affettwat l-aċċess għal servizzi li jiddependu minn dan il-mekkaniżmu ta' awtentikazzjoni.

ii- L-impatt beda jiġi osservat matul il-ġurnata tal-14 ta' Lulju 2026. Il-MITA intervjeniet immedjatament u s-servizzi ġew stabbilizzati progressivament u rritornaw għal operat stabbli matul il-ġurnata. Il-monitoraġġ u l-verifiki komplew ukoll wara sabiex tiġi assigurata l-istabbiltà tas-servizzi.

iii- L-impatt kien limitat għal servizzi li jużaw l-eID bħala mekkaniżmu ta' awtentikazzjoni. Fost dawn kien hemm diversi servizzi elettroniċi tal-Gvern u entitajiet pubbliċi li jiddependu fuq l-eID għall-aċċess tal-utenti.

iv- Le. Dan ma kienx inċident ta' sigurtà ċibernetika iżda inċident relatat mad-disponibbiltà tas-servizz. Ma hemm l-ebda evidenza li tindika li d-data personali taċ-ċittadini, il-kontijiet tal-utenti jew kwalunkwe informazzjoni oħra ġiet aċċessata, kompromessa, esposta jew alterata bħala riżultat ta' dan l-inċident. L-integrità, il-kunfidenzjalità u s-sigurtà tad-data ma ġewx affettwati.

v- Iva. Il-MITA tħaddem miżuri ta' reżiljenza, kontinwità operattiva u pjanijiet ta' rkupru għas-servizzi kritiċi tagħha. Madankollu, dawn il-miżuri huma maħsuba primarjament biex jindirizzaw xenarji bħal ħsara f'sistemi, infrastruttura jew komponenti tekniċi. F'dan il-każ, l-inċident kien relatat ma' żieda eċċezzjonali u simultanja fil-mistoqsija għas-servizz e-ID u mhux ma' falliment tal-infrastruttura jew telf tas-servizz. Il-proċeduri operattivi meħtieġa ġew attivati immedjatament sabiex jiġi limitat l-impatt u s-servizzi jiġu stabbilizzati mill-aktar fis possibbli.

vi- Bħal kull infrastruttura diġitali nazzjonali, il-MITA twettaq monitoraġġ kontinwu, valutazzjonijiet regolari tar-riskju u eżerċizzji ta' ppjanar tal-kapaċità sabiex tindirizza xenarji differenti ta' użu. Madankollu, il-mudell ta' domanda osservat matul dan l-inċident kien sostanzjalment differenti minn xejriet storiċi ta' użu osservati fis-snin preċedenti u għalhekk ma kienx rifless fid-data storika li normalment tintuża għall-finijiet ta' ppjanar u monitoraġġ. Għalhekk, filwaqt li l-ġestjoni tar-riskju u l-monitoraġġ kienu fis-seħħ, ma kien hemm l-ebda evidenza li kienet tindika minn qabel li kien ser iseħħ dan ix-xenarju partikolari.

vii- Wara l-inċident, il-MITA wettqet reviżjoni teknika sabiex tidentifika l-miżuri meħtieġa biex tkompli ssaħħaħ il-kapaċità, il-monitoraġġ, il-ġestjoni tat-traffiku u r-reżiljenza tas-servizz. L-implimentazzjoni ta' dawn il-miżuri qed tiġi ppjanata u mwettqa bħala parti mill-proċess ta' titjib kontinwu.

viii- Il-MITA wettqet l-analiżi teknika meħtieġa sabiex tidentifika l-kawża tal-inċident. Qed jitkompla l-proċess intern ta' dokumentazzjoni tal-inċident, inklużi l-lezzjonijiet meħuda u r-rakkomandazzjonijiet għal aktar titjib. Kwalunkwe informazzjoni li tkun tista' tiġi żvelata mingħajr ma tikkomprometti s-sigurtà tal-infrastruttura tkun ikkunsidrata skont il-proċeduri u l-obbligi applikabbli.

ix- Fil-preżent ma ġewx identifikati l-ebda spejjeż diretti relatati mal-inċident. l-inċident ġie indirizzat permezz tal-intervent operattiv u tekniku tal-MITA. Kwalunkwe investiment addizzjonali li jista' jirriżulta mill-miżuri ta' titjib li qed jiġu kkunsidrati bħala parti mill-proċess ta' titjib kontinwu jkun jista' jiġi stmat biss wara li jiġu finalizzati l-analiżijiet tekniċi u l-għażliet ta' implimentazzjoni.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**L.S. 350.14 - PBS - INFURZAR**

**1620. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1121 u jgħid jekk matul l-aħħar sena, kienx hemm xi każ fejn il-PBS inforza jew ipprova jinforza l-artikolu 18 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.14, "Ħtiġiet dwar standards u prattika li japplikaw għal bulettini tal-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti"? Jista' jgħid ukoll x'passi ttieħdu f'kull każ?

15/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**L.S. 350.14 - PBS - INFURZAR**

**1621. L-ONOR. MICHAEL PICCININO** staqsa lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1122 u jgħid min fil-PBS hu responsabbli li jinforza u/jew li jiġu infurzati sezzjonijiet 18 u 19 tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 350.14, "Ħtiġiet dwar standards u prattika li japplikaw għal bulettini tal-aħbarijiet u l-programmi ta' ġrajjiet kurrenti"?

15/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**MALTEMPATA HARRY – SKEMA TA' GĦAJNUNA GĦAS-SAJJIEDA MALTIN**

**1693. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 1195 li oriġinarjament saret lill-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u l-Provvista tal-Ikel u jinforma lill-Kamra dwar l-iskema ta' għajnuna li kienet tħabbret għas-sajjieda Maltin b'rabta mal-ħsarat li ġarrbu fuq l-opri tal-baħar, kawża tal-Maltempata Harry?

16/07/2026

**ONOR. ROBERT ABELA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jagħmel din il-mistoqsija parlamentari lill-Ministeru kkonċernat.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – TEXTBOOKS MHUX DISPONIBBLI**

**1694. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid kemm hemm textbooks li kienu għadhom mhux disponibbli fl-ewwel ġurnata tas-sena skolastika li għaddiet fl-iskejjel tal-Istat u f'liema suġġetti kien hemm l-akbar nuqqasijiet?

16/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat li fil-bidu tas-sena skolastika kien hemm dewmien fil-wasla ta' għadd limitat ta' textbooks f'ċerti suġġetti u livelli edukattivi. Madankollu, il-kontenut u r-riżorsi relatati kienu disponibbli permezz ta' pjattaformi diġitali u materjal edukattiv ieħor.

Matul dan il-perjodu, l-għalliema u l-istudenti komplew bil-proċess tat-tagħlim billi għamlu użu minn kotba alternattivi, riżorsi online u għodod diġitali ta' kwalità. Dan assigura li t-tagħlim seta' jibqa' għaddej b'mod regolari u mingħajr impatt sinifikanti fuq il-proċess edukattiv.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**SENA SKOLASTIKA 2025-2026 – TEXTBOOKS MHUX DISPONIBBLI**

**1695. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid x'kienu r-raġunijiet li wasslu biex xi textbooks ma kinux disponibbli fil-bidu tas-sena skolastika li għaddiet?

16/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Filwaqt li nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentati 1694, ninsab infurmat li kien hemm xi dewmien fil-proċess ta' akkwist u distribuzzjoni ta' ċerti riżorsi edukattivi minħabba diversi fatturi operattivi u amministrattivi.
Dawn kienu jinkludu kwistjonijiet relatati mal-proċess tat-tendering, bidliet fil-proċeduri ta' provvista u distribuzzjoni, kif ukoll sfidi loġistiċi u ta' stampar. Minkejja dawn id-dewmien, f'ċerti każijiet ir-riżorsi kienu diġà disponibbli f'format diġitali sabiex jiġi żgurat aċċess kontinwu għall-edukaturi u l-istudenti sakemm tlestew il-proċessi meħtieġa.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**SENA SKOLASTIKA 2026-2027 – KOTBA**

**1696. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jserraħ ras l-edukaturi u l-ġenituri li l-proċess ta' ordni, stampar u distribuzzjoni tal-kotba se jkun komplut qabel il-ftuħ tal-iskejjel għas-sena skolastika 2026 – 2027?

16/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-proċess għas-sottomissjoni tal-offerti mill-fornituri għall-kotba tal-Lingwi, is-suġġetti tal-Humanities, il-Matematika, is-suġġetti STEM u l-VET jagħlaq matul din il-ġimgħa. Minnufih wara tibda l-evalwazzjoni tal-offerti, flimkien mal-laqgħat meħtieġa bħala parti mill-proċess ta' evalwazzjoni.
Infurmat li L-intenzjoni hija li dan il-proċess jitlesta fil-ħin sabiex il-kotba jkunu jistgħu jiġu akkwistati u mqassma qabel il-ftuħ tas-sena skolastika.
Infurmat li Fir-rigward tat-tender għall-kotba tal-Malti bħala Lingwa Barranija, infurmat li l-proċess ġie konkluż u jinsab lest.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**SENA SKOLASTIKA 2026-2027 – TEXTBOOKS**

**1697. L-ONOR. JEROME CARUANA CILIA** staqsa lill-Ministru għall-Edukazzjoni u l-Isport: Jista' l-Ministru jgħid meta beda l-proċess ta' akkwist u distribuzzjoni tat-textbooks għas-sena skolastika 2026–2027 u jekk hemmx skeda pubblika ta' milestones biex jiġi żgurat li kollox jasal fil-ħin?

16/07/2026

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Infurmat li l-proċess tal-akkwist u d-distribuzzjoni tat-textbooks għas-sena skolastika ta' wara jibda immedjatament wara li tintemm is-sena skolastika preċedenti. Fl-ewwel fażi, l-uffiċjali edukattivi u l-iskejjel jidentifikaw il-kotba u l-kwantitajiet meħtieġa għas-sena skolastika li tkun ġejja.

F'ċerti suġġetti, l-iskejjel għandhom ukoll l-opportunità jagħżlu l-iskema ta' kotba li jixtiequ jużaw minn lista approvata, filwaqt li jistgħu jipproponu wkoll skemi ġodda biex jiġu kkunsidrati. Din il-fażi ssir b'attenzjoni sabiex jiġi żgurat li l-għażla tal-kotba tirrifletti l-ħtiġijiet edukattivi tal-iskejjel.
Wara, jitħejjew id-dokumenti tat-tender, li jinkludu verifiki tekniċi u amministrattivi, fosthom il-konferma tal-ISBNs, il-validità tagħhom u li qed jiġu akkwistati l-edizzjonijiet korretti u l-aktar aġġornati tal-kotba.
Ladarba d-dokumentazzjoni tkun lesta u tgħaddi mill-verifiki u l-approvazzjonijiet meħtieġa mid-Direttorati u d-Dipartimenti kompetenti, inklużi l-Procurement Unit tal-Ministeru u d-Dipartiment tal-Kuntratti, it-tender jiġi ppubblikat. Minn hemm jibda l-perjodu għas-sottomissjoni tal-offerti, waqt li jingħataw ukoll il-kjarifiki meħtieġa lill-operaturi ekonomiċi fejn ikun il-każ.
Wara l-għeluq tas-sejħa, issir l-evalwazzjoni tal-offerti skont il-proċeduri stabbiliti, sabiex jiġi żgurat li l-proċess ikun trasparenti, ġust u effiċjenti. L-aħħar fażi hija d-distribuzzjoni tal-kotba lill-iskejjel, li titwettaq permezz ta' pjan koordinat sabiex il-kotba jaslu fil-ħin għall-bidu tas-sena skolastika.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**AKKOMODAZZJONI TURISTIKA – LIĊENZJI SOSPIŻI/REVOKATI**

**1755. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid kemm ġew sospiżi jew irrevokati liċenzji ta' akkomodazzjoni turistika minħabba ksur tar-regoli jew rapporti ripetuti ta' storbju, imġiba antisoċjali jew problemi relatati mal-ordni pubblika matul l-2024, l-2025 u l-2026 sal-ġurnata li fiha tiġi mwieġba din il-mistoqsija parlamentari? Jista' jgħid ukoll f'liema lokalitajiet kienu jinsabu dawn il-proprjetajiet?

16/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li tlabt biex l-informazzjoni tinġabar.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**AKKOMODAZZJONI TURISTIKA – KAŻIJIET TA' STORBJU, DIŻORDNI U IMĠIBA ANTISOĊJALI – PROTOKOLLI**

**1756. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid liema protokolli jeżistu bejn il-Pulizija, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, il-Kunsilli Lokali u entitajiet oħra sabiex jiġu indirizzati każijiet ripetuti ta' storbju, diżordni u mġiba antisoċjali relatati ma' akkomodazzjoni turistika? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern hux qed jikkunsidra li jsaħħaħ dawn il-protokolli u jekk iva, kif?

16/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Pulizija tikkoopera u tassisti lill-MTA, Kunsilli Lokali u kull entità li titlob l-assistenza tal-Pulizija meta jkun hemm nuqqas ta' ottempranza mal-liġi.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**AKKOMODAZZJONI TURISTIKA – KAŻIJIET TA' STORBJU, DIŻORDNI U IMĠIBA ANTISOĊJALI – PROTOKOLLI**

**1757. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid liema protokolli jeżistu bejn il-Pulizija, l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu, il-Kunsilli Lokali u entitajiet oħra sabiex jiġu indirizzati każijiet ripetuti ta' storbju, diżordni u mġiba antisoċjali relatati ma' akkomodazzjoni turistika? Jista' jgħid ukoll jekk il-Gvern hux qed jikkunsidra li jsaħħaħ dawn il-protokolli u jekk iva, kif?

16/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Gvern qed jieħu numru ta' inizjattivi fir-rigward taż-żamma tal-ordni pubblika kif diġa ġie mħabbar fil-konsum pubbliku.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**ŻONI TURISTIĊI – STORBJU, DIŻORDNI U IMĠIBA ANTISOĊJALI – IMPATT FUQ IR-RESIDENTI**

**1758. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għall-Intern u s-Sigurtà: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern wettaqx jew ikkummissjonax xi studju dwar l-impatt li l-istorbju eċċessiv, l-imġiba antisoċjali u d-diżordni f'żoni turistiċi qed ikollhom fuq il-kwalità tal-ħajja, is-saħħa mentali u s-sens ta' sigurtà tar-residenti? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja ta' dan l-istudju fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/07/2026

**ONOR. GLENN BEDINGFIELD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li filwaqt illi m'hijiex il-mansjoni ta' dan il-Ministeru illi jagħmel tali studji, ninsab infurmat li l-Gvern diġà qed jieħu numru ta' inizjattivi fir-rigward taż-żamma tal-ordni pubblika kif diġà ġie mħabbar fil-konsum pubbliku.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**ŻONI TURISTIĊI – STORBJU, DIŻORDNI U IMĠIBA ANTISOĊJALI – IMPATT FUQ IR-RESIDENTI**

**1759. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lill-Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jgħid jekk il-Gvern wettaqx jew ikkummissjonax xi studju dwar l-impatt li l-istorbju eċċessiv, l-imġiba antisoċjali u d-diżordni f'żoni turistiċi qed ikollhom fuq il-kwalità tal-ħajja, is-saħħa mentali u s-sens ta' sigurtà tar-residenti? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja ta' dan l-istudju fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/07/2026

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Nirreferi lill-Onor. Interpellant għat-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 1757.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**ŻONI TURISTIĊI – STORBJU, DIŻORDNI U IMĠIBA ANTISOĊJALI – IMPATT FUQ IR-RESIDENTI**

**1760. L-ONOR. GRAHAM BENCINI** staqsa lid-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jgħid jekk il-Gvern wettaqx jew ikkummissjonax xi studju dwar l-impatt li l-istorbju eċċessiv, l-imġiba antisoċjali u d-diżordni f'żoni turistiċi qed ikollhom fuq il-kwalità tal-ħajja, is-saħħa mentali u s-sens ta' sigurtà tar-residenti? Jekk iva, jista' jqiegħed kopja ta' dan l-istudju fuq il-Mejda tal-Kamra?

16/07/2026

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li l-Gvern qed jieħu numru ta' inizjattivi fir-rigward taż-żamma tal-ordni pubblika kif diġa ġie mħabbar fil-konsum pubbliku.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**L-INDUSTRIJA TAL-FILMS – IMPJEGATI**

**1798. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid kemm Maltin u Għawdxin huma attwalment impjegati, direttament jew indirettament, fl-industrija tal-films f'Malta, u kemm minn dawn l-impjiegi huma full-time equivalent, skont l-aħħar data uffiċjali verifikata?

17/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**L-INDUSTRIJA TAL-FILMS - PRODUZZJONIJIET INTERNAZZJONALI FFILMJATI F'MALTA**

**1799. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tal-produzzjonijiet internazzjonali kollha ffilmjati f'Malta fl-aħħar ħames snin, flimkien mal-valur tar-rebate mħallas lil kull produzzjoni individwali?

17/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**L-INDUSTRIJA TAL-FILMS – STRATEĠIJA DWAR TAĦRIĠ**

**1800. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk teżistix xi strateġija formali, approvata mill-Kabinett jew mill-Ministeru, biex jissaħħu t-taħriġ u l-iżvilupp ta' ħiliet tekniċi fost il-crew Malti fl-industrija tal-films, u jekk iva, jista' jqiegħed kopja tagħha fuq il-Mejda tal-Kamra?

17/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**KUMMISSJONI MALTIJA TAL-FILMS –KONTIJIET AWDITJATI - DEWMIEN**

**1801. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid għaliex il-kontijiet awditjati tal-Kummissjoni Maltija tal-Films għas-snin 2020, 2021 u 2022 ħadu bejn 13 u 32 xahar biex jiġu ffinalizzati, u x'passi konkreti ttieħdu biex jiġi żgurat li dan id-dewmien ma jerġax jiġri għas-snin finanzjarji sussegwenti?

17/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f'xi seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**RAPPORT “THE IMPACT OF THE FILM INDUSTRY IN MALTA” – VERIFIKA/REVIŻJONI**

**1802. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jgħid jekk ir-rapport “The Impact of the Film Industry in Malta” (Marzu 2026) ġiex sottomess għal xi forma ta' verifika jew reviżjoni minn parti terza indipendenti qabel ma tqiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra, u jekk le, għaliex le?

17/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f’xi seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026

**L-INDUSTRIJA TAL-FILMS – KALKOLU TAL-KONTRIBUT EKONOMIKU**

**1803. L-ONOR. MARILENA GAUCI** staqsiet lill-Ministru għall-Arti, il-Kultura u l-Wirt Nazzjonali: Jista' l-Ministru jipprovdi l-metodoloġija sħiħa u d-data bażika (raw data) użata biex jasal għaċ-ċifra ta' €1.5 biljun bħala kontribut ekonomiku "value added" tal-industrija tal-films, inkluż liema assunzjonijiet speċifiċi ntużaw fil-mudell użat?

17/07/2026

**ONOR. MALCOLM PAUL AGIUS GALEA:** It-tweġiba tingħata f’xi seduta oħra.

Seduta Numru 14
21/07/2026